6.4.2011

B7-0236/2011 }
B7-0237/2011 }
B7-0241/2011 }
B7-0242/2011 }
B7-0243/2011 } RC1/Am. 3

**Emenda 3**
**Lena Ek, Fiona Hall**
f'isem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
It-tagħlimiet li għandna nisiltu għas-sikurezza nukleari fl-Ewropa wara l-inċident nukleari fil-Ġappun

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jenfasizza, b'mod partikolari, li l-avvenimenti internazzjonali riċenti għamluha ċara li l-kisba tal-mira ta' 20% effiċjenza fl-enerġija sal-2020 hija aktar importanti minn qatt qabel, anke fid-dawl tat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' $CO_2$; jinnota li miri għat-tul għall-effiċjenza tal-enerġija u għall-enerġija li tiġġedded għandhom importanza kruċjali għall-atturi ekonomiċi, u jitlob li l-Pjan Direzzjonali 2050 jinkludi miri ambizzjużi simili kemm għall-2030 kif ukoll għall-2050; | 21. Jenfasizza, b'mod partikolari, li l-avvenimenti internazzjonali riċenti għamluha ċara li l-kisba tal-mira ta' 20% effiċjenza fl-enerġija sal-2020 hija aktar importanti *u urġenti* minn qatt qabel, anke fid-dawl tat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' $CO_2$; ***iħeġġeġ li l-mira ta' 20% għandha tissarraf mill-aktar fis f'miri għall-Istati Membri u li dawn il-miri għandhom isiru legalment vinkolanti filwaqt li joffru lill-Istati Membri l-flessibilità dovuta biex jiddeċiedu kif ser jinkisbu;*** jinnota li miri għat-tul għall-effiċjenza tal-enerġija u għall-enerġija li tiġġedded għandhom importanza kruċjali għall-atturi ekonomiċi, u jitlob li l-Pjan Direzzjonali 2050 jinkludi miri ambizzjużi simili kemm għall-2030 kif ukoll għall-2050; |

Or. en

6.4.2011

B7-0236/2011 }
B7-0237/2011 }
B7-0241/2011 }
B7-0242/2011 }
B7-0243/2011 } RC1/Am. 4

**Emenda 4**
**Lena Ek**
f'isem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
It-tagħlimiet li għandna nisiltu għas-sikurezza nukleari fl-Ewropa wara l-inċident nukleari fil-Ġappun

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tiżviluppa strateġija li tmur lil hinn mill-fruntieri tagħha li tinkludi azzjoni konsistenti fl-ogħla livell *politika*, sabiex jiġu żgurati is-sikurezza u s-sigurtà nukleari u tagħmel sforzi favur projbizzjoni globali ta' impjanti tal-enerġija nukleari f'reġjuni ta' *perikolu* għoli, li fl-aħħar mill-aħħar għandhom iwasslu għal konvenzjoni vinkolanti tan-NU; | 17. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tiżviluppa strateġija li tmur lil hinn mill-fruntieri tagħha li tinkludi azzjoni konsistenti fl-ogħla livell *politiku*, sabiex jiġu żgurati is-sikurezza u s-sigurtà nukleari***, tiddefinixxi l-enerġija nukleari bħala teknoloġija tranżitorja*** u *li* tagħmel sforzi favur projbizzjoni globali *fuq il-bini* ta' impjanti tal-enerġija nukleari f'reġjuni ta' *riskju* għoli, li fl-aħħar mill-aħħar għandhom iwasslu għal konvenzjoni vinkolanti tan-NU; |

Or. en

6.4.2011

B7-0236/2011 }
B7-0237/2011 }
B7-0241/2011 }
B7-0242/2011 }
B7-0243/2011 } RC1/Am. 5

**Emenda 5**
**Lena Ek**
f'isem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
It-tagħlimiet li għandna nisiltu għas-sikurezza nukleari fl-Ewropa wara l-inċident nukleari fil-Ġappun

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 15 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Iqis li l-Istrateġija tal-Enerġija tal-UE għandha tkun marbuta mal-Istrateġija għall-Istati tal-Afrika ta' Fuq, minħabba li l-movimenti għal-libertà li kellhom suċċess f'dawn il-pajjiżi qed joħolqu l-kundizzjonijiet għal aktar żvilupp ekonomiku, anke permezz ta' investimenti fil-qasam tal-enerġija mix-xemx li, bl-infrastruttura xierqa, tista' tipprovdi enerġija sostenibbli għall-Ewropa;*** |

Or. en

6.4.2011

B7-0236/2011 }
B7-0237/2011 }
B7-0241/2011 }
B7-0242/2011 }
B7-0243/2011 } RC1/Am. 6

**Emenda 6**
**Adina Valean**
f'isem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
It-tagħlimiet li għandna nisiltu għas-sikurezza nukleari fl-Ewropa wara l-inċident nukleari fil-Ġappun

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jistenna bil-ħerqa r-reviżjoni komprensiva mill-Kummissjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza nukleari *u* sa tmiem l-2011 u l-proposti leġiżlattivi relatati, li għandhom *jibdlu* l-Prinċipji Fundamentali ta' Sikurezza tal-IAEA f'rekwiżiti aktar dettaljati jew stretti fil-livell *tal-UE għall-kisba* tal-ogħla standards ta' sikurezza, kif ukoll mekkaniżmu obbligatorju għal reviżjoni regolari tal-applikazzjoni ta' standards tas-sikurezza fl-Istati Membri, permezz ta' reviżjoni tal-pari u ta' kumitat indipendenti ta' esperti nukleari ggwidati mill-Kummissjoni; | 13. Jistenna bil-ħerqa r-reviżjoni komprensiva mill-Kummissjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza nukleari *li għandha tiġi ppreżentata* sa tmiem l-2011, u l-proposti leġiżlattivi relatati, li għandhom *isarrfu* l-Prinċipji Fundamentali ta' Sikurezza tal-IAEA f'rekwiżiti aktar dettaljati jew stretti fil-livell *tal-UE għall-kisba* tal-ogħla standards ta' sikurezza, kif ukoll mekkaniżmu obbligatorju għal reviżjoni regolari tal-applikazzjoni ta' standards tas-sikurezza ***u tal-proċeduri tal-akkwist għal komponenti ta' sikurezza*** fl-Istati Membri, permezz ta' reviżjoni tal-pari u ta' kumitat indipendenti ta' esperti nukleari ggwidati mill-Kummissjoni; |

Or. en